MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 88/2010

Kawza fil-lista: 29

**X Y**
**vs**
**S P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu huwa ppremetta: li minn relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieldet it-tifla H fl-14 ta' Mejju 2007; li l-attur qed jigi mcahhad mill-access ghat-tifla tieghu minghajr raguni valida; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni necessarja sabiex jressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tiffissa granet u hinijiet adegwati sabiex l-attur ikollu access ghal bintu minuri H Y, b'dan li jigu ordnati granet u hinijiet t' access ukoll ghall-festi, vaganzi tas-sajf u okkazzjonijiet specjali ohra; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta: cahdet kategorikament li hi qatt cahdet jew qed iccahhad l-access tal-attur ghal bintu;  li taqbel li dan ghandu jinghata access f'modalita' ghat-tifla tenut kont, fir-rigward, tal-interessi supremi tal-minuri;

Rat id-digriet provvizorju moghti fid-9 ta' April 2010;

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju l-Haddiema Socjali Denise Portelli;[1]

Rat id-digriet moghti, fuq talba tal-konvenuta, fis-26 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomissjonijet rispettivi;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti prezentati;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiffissa modalita' t'access ghalih favur l-imsemmija bintu.

Illi jidher li l-problema nholqot minhabba li l-attur, li huwa membru tal-korp tal-pulizija, m'ghandux granet u hinijiet fissi ta' xoghol; u ghalhekk giet nominata l-Haddiema Sociali Denise Portelli sabiex flimkien mal-partijiet tipprova tasal ghal *modus operandi* accettabbli ghaz-zewg partijiet, tenut kont tal-interessi supremi tal-minuri li llum ghandha erba' [4] snin.

Illi jidher li fis-sustanza l-partijiet jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-isemmija perit gudizzjarju kontenut fil-pagni erba' [4] u hamsa [5] tar-

[1] Fol.36 *et seq.*

rapport peritali li kopja taghhom qed tigi hawn annessa sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][2].

Illi fir-rigward il-partijiet jaqblu li l-gurnata tal-Gimgha indikata taht it-tieni puntina ghandha tigi sostitwita bil-gurnata tal-Hamis.

Illi fl-ahhar seduta l-partijiet informaw il-Qorti li fil-prezent hemm modalita' t'access li, ghalkemm ma jikkorrispondix ma' dak rakkomandat mill-imsemmija Haddiema Socjali, jidher li qed jaqblu fuqu l-partijiet.

*Modalita'*

Illi fir-rigward il-Qorti hi tal-fehema li, fl-interess tal-minuri, u sabiex jigu evitati proceduri ulterjuri f' kaz ta' dizgwid fil-futur, tenut kont tas-sitwazzjoni fluwida f' kazijiet ta' din in-natura, taddotta fl-intier taghhom ir-rakkomandazzjonijiet tal-Haddiema Socjali, bid-debita korrezzjoni kif fuq indikat; u dan bil-fakolta' tal-partijiet li, bi ftehim bil-miktub, jaggustaw l-access skont il-htigijiet taghhom u tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata' 'Modalita'.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Fols. 39 u 40